# ATOMI U NIES

*Ta'* DR. E. AGIUS

Darba filosfu fil-Greċja qadima,
Qalb l-għelieqi ta' l-asfodel, bil-ħlewwa
Qalu l-atomi kienu fantażija,
Li l-atomi jeżistu—u kien qal sewwa.
Warajh oħrajn ħasbu li din ħmerija,
U b'loġika wisq fina u għerf imkejjel
Qalu l-atomi kienu fantasija.
U għal ħafna sekli hekk għallmu l-iskejjel.
Dalton, bniedem wisq kwiet iżda ta' ħila,
Sab illi l-Griegi kienu qalu s-sewwa.
Rutherford l-atmu qasam, biċċa tqila,
Bla ħsieb li dan qatt jista' jkun ta' dnewwa.
U minn din l-innoċenza bomba ħarġet
Li triq l-istorja f'daqqa waħda għawġet.

14. 11. 50.